

# MARL



# MALTA

## Fuljett maħruġ mill-MARL

## Għad-Dilettanti tar-Radju

## Maltin u Għawdxin

### Numru 31

### Ottubru 2008

# Fiċ-Ċentru mhux  permess tipjip



## Mill-Editur

Ħbieb,
Nilqagħkom għal ħarġa oħra ta' dan il-fuljett ta' Ottubru 2008 li hija t-31 ħarġa ta' din is-sensiela.

L-ewwel ma nixtieq ngħidilkom huwa li fl-aħħar wara ħafna rappreżentazzjonijiet min-naħa tagħna u wara li l-Konferenza ta' l-Għaqda Internazzjonali tat-Telekomunikazzjoni (**ITU**) tat allokazzjoni dinjija lid-dilettanti tar-radju fuq il-**136 kHz**, **aħna se nkunu nistgħu nużawha mil-1 ta' Jannar 2009**. Aktar dettalji ssibuhom iżjed l-isfel.

Nerġa' nappella biex kull min għandu xi kopja ta' xi fuljett li kienu joħorġu qabel din is-sensiela jekk jogħġbu jgħaddiha lili ħalli nkun nista' nagħmel kopja u mbagħad nerġa' ngħaddiha lura. Inroddilkom ħajr tal-koperazzjoni tagħkom bil-quddiem.

Nhar is-Sibt 20 ta' Settembru żammejna l-**BBQ** ta' tmiem is-Sajf fiċ-Ċentru tagħna Ħ'Attard li kien suċċess. Inrodd ħajr lil dawk kollha li ġew u ħadu gost magħna u nittama li jkomplu jiġu kull meta norganizzaw xi attivita'.

Kien hemm numru ta' dilettanti tar-radju li reġgħu hadu sehem fil-ġamboree ta' l-iscouts li din is-sena kienet taħbet il-100 sena tat-twaqqif tal-Moviment ta' l-Iscouts f'Malta. Jekk jgħadduli xi ritratti nkun nista' nagħmilhom fuq il-fuljett.

Nixtieq infakkarkom li issa qed noqorbu lejn l-aħħar jiem tas-sena għandkom taħsbu ħalli tħallsu s-sħubija tagħkom ħalli tkunu tistgħu tivvutaw.

Bħal dejjem, nittama li l-informazzjoni fil-fuljett issibuha siewja għalikom u jekk ikollkom xi artiklu jekk jogħġobkom ħalluh fil-kaxxa tal-**QSL** tiegħi.

**Lawrence**
**9H1AV/9H9MHR**

## GlobalSet

Dawk id-dilettanti tar-radju li qegħdin fil-grupp ta' l-emerġenza qed infakkruhom li l-eżerċizzju ta' simulazzjoni ta' emerġenza li jmiss se jsir nhar is-**Sibt, 8 ta' Novembru, 2008**, bejn **04.00** u **08.00 UTC**.

Il-frekwenzi se jkunu **80M**, **40M**, **20M**, **17M**, u **15M**, u jistgħu jintużaw **CW**, **SSB** u sistemi ta' **DATA**.

Dawk kollha li m'humiex fil-grupp jekk jogħġobhom ma jagħmlux interferenza fuq il-frekwenzi li jkunu qed jintużaw. Ftakru li d-dilettanti tar-radju jkunu qed jieħdu sehem f'taħriġ internazzjonali u li emerġenza tista' tinqala' f'kull ħin kullimkien.

Dawn huma l-istazzjonijiet li huwa magħruf le se jkunu qed jieħdu sehem f'din l-attivita' s'issa. Jekk jogħġobkom araw http://www.raynet-hf.net/tiki-read_article.php?articleId=35 sikwit għall-aħħar dettalji

**ĦIN/DATA**

**8 ta' Novembru, 2008 ħin 04.00 - 08.00 UTC**

**IARU Reġjun 1**

**Stazzjon HQ - GB4NRC**

**9A0HRS**

**9H1RA**
**9H1SF**
**9H1MRL**

**CT1REP**

**DA0EC/D**
**DB0CUI**
**DK8RE**
**DL0EIC**
**DL0LZ jew DL1VF**
**DL0UI/D**
**DL0VBK/D**
**DL1X/D**
**DL4VCW (Winlink)**
**DL6LW or DF0WB**
**DO1TEL**
**DR4G**

**EA5GSY (Kliem / PSK31 u modi diġitali oħra)**
**EA7HFG**
**EB2ANK**

**EI2CA**
**EI3ENB**
**EI5GPB**
**EI7IG**
**EI9JV**

**F1DJO**
**F4BXW (ALE HF email, 80/40/30/20/17/15/12/10 metri)**
**F4EMO**

**F4EZC**
**F5CDN**
**F5HDK**
**F5ODX**
**F5RMN**
**F5VKP/D (Kliem/PSK)**
**F6BPA**
**F6GPE**
**F6GIN**

**G0MRH**
**G0VPJ**
**G3GJW**
**G8IDL**
**G8OJQ**
**M0CNP**
**M1DFO (PSK31 u ALE)**

**GM0PXF/P**
**MM3UJL/P**

**GU3WHN**

**HB9TTQ/D**

**IW5ADO**

**LZ1BFR/D**

**OD5RAL**

**OE1VGC (Winlink)**
**OE3ZK**
**OE3DMA**
**OE3FFC**
**OE3FQU**
**OE3MFC (Winlink)**
**OE3MZC (SSB u Winlink)**
**OE3RGB**
**OE3XHA (Winlink)**
**OE3XRK**
**OE5CEN**
**OE5OZL**
**OE7FTJ (Winlink)**
**OE9FWV (Winlink)**

**OH3QN (Winlink)**

**OL4HQ**

**OM9HQ**

**ON4AAA**
**ON4IF**
**ON5XA**
**ON5PV**
**ON6HC**
**ON7ZB**

**PD0GIP**
**PI9D**

**S50HQ**

**SL0ZS**
**SL0ZT**
**SL0ZU**

**SM0RWO (PSK Mail)**
**SM0TSC (ALE HF email, 80/40/30/20/17/15/12/10 metri)**

**SP0PZK/D**
**SP1ZZW**
**SP2DX**
**SP3HUO/D (PSK31 - 80m)**
**SP3ZAC**
**SP5YOC/D (SSB u PSK31)**
**SP7HT**

**J42ARET**
**SZ1SV**
**SZ2RCP**

**TF3IRA/D**

**ZS2VDL**
**ZS5JL**
**ZS5SK**
**ZS6SRL**

**IARU Reġjun 2**

**HQ Station - XE1LM**

**CX1AA**

**AE2EE**
**AG4SI**
**N7KRE**
**KB5XV**

**KG4AEU**
**KV9U**
**W1AW (0500-0800 minħabba skeda eżistenti ta' trasmissjoni)**
**W2WRX**
**W5ELM**
**WA4UMV**
**WA7NBF**
**WB4N**
**WD1Z**
**KM4BA (ALE HF email, 80/40/30/20/17/15/12/10 metri)**
**KQ6XA (ALE HF email, 80/40/30/20/17/15/12/10 metri)**
**WA3MEZ (ALE HF email, 80/40/30/20/17/15/12/10 metri)**
**K7EK (ALE HF email, 80/40/30/20/17/15/12/10 metri)**
**VE2FXL (ALE HF email, 40/30/20/17/15/12/10 metri)**
**WD8ARZ (ALE HF email, 80/40/30/20/17/15/12/10 metri)**
**WB4AKK (ALE HF email, 80/40/30/20/17/15/12/10 metri)**
**N0PWZ (ALE HF email, 80/40/30/20/17/15/12/10 metri)**

**HR2NL (Winlink)**
**HR2/LU1DY (modi diġitali 40/20m - possibilment kliem)**

**LU1HCP**
**LU7WFM**

**TG9ADV**

**VE7RAC**

**XE1ATZ**
**XE1SGW**
**XE1SVT**
**XE2XCX**

**YV5AJ**
**YV5RNE**

**IARU Region 3**

**HQ Station - BY7PP**

**9M4CJS**
**9M4CMR**
**9M8DB**

**BY4RSA**

**DU1BP**
**DU2LX**
**DX2AAA**

**FK8KAB**
**JA1RL/D**

**S21AM**

**VK5ABN (ALE HF email, 80/40/30/20/17/15/12/10 metri)**

**VR2HK/D**
**VR2/KQ6XA (ALE HF email, 80/40/30/20/17/15/12/10 metri)**

**VU2ACK**
**VU2DSI/D**
**VU2RBI**
**VU2JAU**
**VU2SMN/D**
**VU3TYG**

**ZK6R**
**ZL3BCC**

Nittama li ssibu din l-informazzjoni siewja u tissemmgħu biex tkunu tafu l-proċedura ħalla jekk Alla ħares qatt tinqala' emerġenza tkunu tafu x'inhija l-proċedura.

**Lawrence**
**9H1AV / 9H9MHR**

## ****136 kHz ****

**Wara komunikazzjonijiet ma' l-Awtorita' tal-Komunikazzjoni ta' Malta dwar din il-frekwenza, ġie kkonfermat li d-dilettanti tar-radju Maltin jistgħu jużaw din l-allokazzjoni mill-1 ta' Jannar 2009.**

Dan ifisser li għandna rigal għas-sena d-dieħla meta se ningħaqdu mal-kumplament tad-dilettanti minn madwar id-dinja li issa ilhom li ingħataw permess jużaw din il-frekwenza.

Għalkemm kien se jkun hemm diffikulta' minħabba li r-reviżjoni tal-Pjan Nazzjonali tal-Frekwenzi mhux se jkun lest qabel l-1 ta' Jannar 2009, wara rappreżentazzjonijiet li għamilna ġie kkonfermat li aħna nistgħu nużaw din il-frekwenza mill-1 ta' Jannar 2009.

Wara li l-Pjan Nazzjonali tal-Frekwenzi jiġi maqbul mill-Parlament, id-dilettanti tar-radju kollha se jiġu mgħarrfa uffiċjalment bl-allokazzjoni l-ġdida tal-faxxa ta' frekwenzi tal-**136kHz**, jiġifieri minn **135.7 kHz** sa **137.8 kHz**

Il-Konferenza ta' l-Għaqda tal-Komunikazzjoni Internazzjonali (**ITU**) li kienet inżammet is-sena li għaddiet kienet tat allokazzjoni dinjija għas-servizz tad-dilettanti tar-radju minn **135.7 kHz** sa **137.8 kHz** bħala allokazzjoni sekondarja b'saħħa ta' trasmettitur ta' **1 Watt e.i.r.p.** Dawn huma l-istess kundizzjonijiet li ingħatajna aħna.

Dan ma jfissirx li t-trasmettitur irid ikun ta' 1 Watt ħlief jekk wieħed ikun qed juża antenna isotropika, għaliex fil-fatt minħabba li t-tul tal-mewġa fuq din il-frekwenza huwa

ta’ **2200** metri, l-antenni prattikabbli li nistgħu nużaw huma żgħar ħafna meta mqabbla ma antenni li normalment nużaw.

Biex nieħdu eżempju prattiku, jekk nużaw antenna vertikali ta’ kwart ta’ mewġa fuq is-**7 MHz**, din tkun twila jew aħjar għolja madwar **10 metri**.

Kieku jkollna nagħmlu l-istess u nużaw ukoll vertikali ta’ kwart ta’ mewġa fuq il-**136 kHz**, dan irid ikun twil madwar **550** metru, xi ħaġa li hija għal kollox imprattikabbli jekk ma nużawx xi bużżieqa kbira u ndendlu l-fil magħha, għalkemm xorta waħda jibqgħalna l-problema tar-radjali jekk ma nkunux hdejn il-baħar u nużaw lilu.

Għalhekk, minħabba li l-antenni li normalment nużaw ikunu prattikalment qosra ħafna meta mqabbla mat-tul ta’ mewġa u l-effiċjenza tagħhom tkun biss punt żgħir ta’ persentaġġ, ikunu meħtieġa mijiet u anki aktar minn elf watt biex ikollna saħħa radjata ta’ **1 Watt e.i.r.p**.

Jiena diġa’ tajt xi ċirkwiti ta’ xi trasmettituri żgħar ta’ madwar 50 watt, u għalkemm b’antenni prattiċi u b’dawn it-trasmettituri kull ma jkollok huwa saħħa radjata ta’ ftit milliwatts żgħar, ħadd m’għandu jaqta qalbu u għandu jeħodha bħala sfida li jikkomunika ma ħaddieħor b’din is-saħħa żgħira.

Għal Malta u forsi anki għal pajjiżi qrib nistgħu nużaw is-**ĊW** normali, imma normalment jintużaw programmi tal-kompjuter bħal ma huwa dak magruf bħala **QRSS**, jiġifieri **ĊW** bil-mod ħafna u li jinqraw fuq il-kompjuter permezz ta’ dawn il-programmi.

Għalkemm kont diġa’ tajt xi ħoloq ta’ l-internet minn fejn wieħed jista’ jniżżel dawn il-programmi, aktar l-isfel qed nerġa’ nagħtikom xi ħoloq ħalli min jinteressah ikun jista’ jnizzilhom.

Minħabba li f’Malta se nkunu nistgħu nużaw din il-frekwenza mill-1 ta’ Jannar li ġej, qed nerġa’ nġib it-tabella tal-frekwenzi kif rakkomandati li għandna nużawhom skond il-Konferenza tal-**IARU 2001**. Dawn jistgħu jiġu reveduti fil-Konferenza tal-**IARU Reġjun 1** f’Novembru li ġej.

| | |
|---|---|
| **135.7 – 136.0** | **Provi & tieqa ta’ riċezzjoni transatlantika** |
| **135.9 – 135.98** | **Tieqa transatlantika preferuta għal trasmissjonijiet mill-Ewropa lejn l-Amerika ta’ fuq ta’ cw bil-mod ħafna CW (QRSS)** |
| **135.980 - 136.050** | **Tieqa transatlantika preferuta għal kuntatti Europa/America ta’ fuq** |
| **136.0 - 137.4** | **CW** |
| **137.4 - 137.6** | **Modi mhux CW (Hell, Wolf, PSK, eċċ.)** |
| **137.6 - 137.8** | **Cw bil-mod ħafna CW (QRSS) iċċentrat fuq 137.7** |
| **137.700 - 137.800** | **Tieqa transatlantika preferuta għal trasmissjonijiet mill-Amerika ta’ fuq lejn l-Ewropa** |

**Programmi**

**Informazzjoni ġenerali**
http://www.qsl.net/on7yd/136brew.htm
http://www.qsl.net/on7yd/136khz.htm
http://www.qru.de/
http://www.wireless.org.uk/links.htm

**Dwar antenni fuq il-136kHz**
http://www.strobbe.eu/on7yd/136ant/

**Programmi tal-kompjuter**
http://www.weaksignals.com/
http://www.qsl.net/dl4yhf/

**Informazzjoni Ġenerali**
http://www.vlf.it/

**Niltaqgħu fuq il-136 kHz**

**Lawrence**
**9H1AV / 9H9MHR**

## Grande Bleue

Dilettanti tar-radju mill-pajjiżi tal-Punent tal-Mediterran jiltaqgħu kmieni f'Ġunju f'dawk li huma msejħa "**Grande Bleue**".

Matulhom konnessjonijiet minn fuq il-baħar huma proċessati fl-**ATV**, **DATV** u **SSB** fuq il-firxa ta' frekwenzi minn **1.2 GHz** sa **24 GHz**. Kisbiet ġodda f'metodi ta' operazzjoni u frekwenzi huma prattikament imwaqqfa kull sena.

Din is-sena l-"**Grande Bleue**" nżamm bejn l-20 u t-28 ta' Ġunju 2008 b'emfasi fuq il-21 – 22 ta' Ġunju 2008. Dan huwa r-raport tal-grupp Svizzeru:

Il-grupp Svizzeru tal-"**Grande Bleue**" 2008 kienu : **HB9ADJ/Charlz**, **HB9AZN/Pierre-Andre** u **HB9RXV/Paul** flimkien ma l-**XYL Anouchka**.

Matul il-ġimgħa bejn id-19 – 25.06.2008, operazzjonijiet tar-radju kienu magħmula minn żewġ vetturi f'Sardinja lejn il-pajjiżi tal-Punent tal-Mediterran. Minħabba l-apparat li ħadna magħna aħna stajna nibgħatu **ATV**, **DATV** u parzjalment **SSB** fuq **23cm**, **13cm**, **6cm**. **3cm** u **24 GHz**.

Il-vjaġġ matul il-lejl min Genova lejn Porto Torres fit-Tramuntana ta' Sardinja kien mingħajr inkwiet, bl-eċċezzjoni ta' taħdidiet bla tmiem ma' l-impjegati ta' l-aġenzija tal-vapuri fil-port ta' Genova; sempliciment dwar l-għoli ta' l-antenni fuq il-vetturi.

Mill-ewwel wara nofs in-nhar tal-Ġimgħa 20 ta' Ġunju 2008 (wara li sibna akkomodazzjoni) aħna konna fuq għolja fuq il-kosta, 50 metru 'il fuq mil-livell tal-baħar lesti biex naħdmu.

Il-pożizzjoni fl-inħawi ta' **Stintino** għandha l-lokatur **JN40CT**. Min din il-pożizzjoni aħna stajna nikkuntattjaw numru ta' stazzjonijiet minn **Spanja**, **Franza** u **Korsika** bl-**ATV**, **DATV** u **SSB**.

Biex ikollna kuntatt ma' ħbiebna **f'Malta**, l-**Italja** t'isfel u **Sqallija** aħna soqna l-Ħadd filgħodu lejn in-Nofs in-Nhar. Il-post **JM49SD** kien hdejn **Villasimius** f'post tal-parkeġġ madwar 100 metru 'l fuq mil-livell tal-baħar u b'veduta sabiħa tal-bajja (ramel abjad u ilma turquoise).

Għal ħabta ta' nofs in-nhar, wasal **Sergio IS0AWZ** minn Cagliari, li laqgħana bi Franċiż perfett – huwa ħadem għal żmien twil fi Franza. Wara l-ewwel QSO ma' **IK0HWJ** aħna stajna nikkuntattjaw lill-grupp Malti fuq **23cm** (**ATV/DATV**) **13cm** (**ATV/DATV**) u **3cm** (**SSB/ATV/DATV**).

Il-kundizzjonijiet tal-propagazzjoni fuq **3cm** kienu eċċellenti u sakemm waqafna filgħaxija aħna stajna nużaw din il-frekwenza bħala kanal ta' servizz.

Diġa' fl-2006, aħna kellna l-unur li nsiru nafu lill-Maltin fl-**ATV** u **DATV** (**564km** fid-**DATV**). Din id-darba reġgħet kienet esperjenza li tesperimenta fl-**SSB, ATV** u **DATV**. Il-grupp hemmhekk huwa tassew motivat u ma jżommx lura dwar l-aspetti tekniċi ta' l-apparat.

Ġiet organizzata "operazzjoni min barra" – sempliċiment għalina. Aħna stajna nikkuntattjaw lil dawn l-istazzjonijiet: **9H1VW, 9H1GB, 9H1FX, 9H1PI**. Radd il-ħajr kbir lil **Fortunato** (**9H1ES**) u **Joe** (**9H1VW**) li ħadu ħsieb l-organizzazzjoni f'Malta.

Bħala għeluq ta' l-ispedizzjoni tagħna l-Ħadd filgħaxija fin-naħa t'isfel, **Sergio IS0AWZ** u l-**XYL** tiegħu ħallewna nieħdu ġost bil-gastronomija u l-ospitalita' Taljana matul l-ikla ta' filgħaxija f'darhom.

Minħabba li t-team Taljan kien diġa' ġie eliminat mit-Tazza Ewropea 2008, aħna stajna ngħaddu lejl fil-kwiet f'Villasimius.

It-Tnejn filgħodu aħna morna lura lejn it-Tramuntana  - il-post oriġinali tagħna. It-Tlieta 24 ta' Ġunju kienet l-aħħar jum ta' l-użu tar-radju.

Aħna stajna nagħmlu xi konnessjonijiet interesanti ħafna, bħal ma huma **ATV/QSO** fuq **300 km** ma' **F/HB9IIA** fuq **10 GHz** (**300mW** u mera "**IKEA**"). Qabel żarmajna l-apparat aħna lħaqna kisba ġdida ma' **F6DPH** (**Tour Batere/JN12HM**) bl-**ATV** fuq **5.7 GHz** (**508 km**).

Minħabba li kellna żewġ vetturi u apparat Tx/Rx doppju fuq **23cm**, **13cm**, **6cm** u tliet stazzjonijiet **10 GHz** aħna mhux biss stajna nkabbru l-possibilita' ta' QSO imma stajna nqabblu s-sensitivita', direzzjonalita' ta' l-antenni, saħħa ta' trasmettituri, eċċ. Din il-lista u l-koperazzjoni ppruvat lila nfisha u aħna diġa' qed inneħħu n-nuqqasijiet għas-sena d-dieħla.

Flimkien, aħna nħarsu lura lejn sehem b'suċċess fil-"**Grande Bleue**" 2008 u nroddu ħajr lil dawk kollha li ħadu sehem, speċjalment lil dawn li ġejjin….

J’Alla dan l-artikolu jħajjar oħrajn li jieħdu sehem is-sena d-dieħla – il-Mediterran jipprovdi ħafna possibilitajiet interessanti għall-kontroll tar-radju. Aktar dettalji u ritratti jinstabu fuq http://swissatv.ch

73 mingħand **Charly**, **HB9ADJ**, **Pierre-Andre, HB9AZN** u **Paul HB9RXV**

Radd il-ħajr lil **Joe 9H1VW** għal din l-informazzjoni.

**Lawrence**
**9H1AV / 9H9MHR**

## 70MHz

Flimkien ma l-istazzjonijiet mill-pajjiżi li kien hemm fil-lista fil-fuljett tax-xahar li ghadda issa tistgħu tniżżlu wkoll lil Spanja.

Id-dilettanti tar-radju Spanjoli b’deċiżjoni ta’ l-24 ta’ Ottubru 2008 issa se jingħataw allokazzjoni fuq din il-faxxa ta’ frekwenzi mill-25 t’April tas-sena d-dieħla, jiġifieri 2009.

Għalkemm għalissa se jkunu jistgħu jużaw bejn **70.15MHz** sa **70.2MHZ**, dan huwa bidu u aktar ‘il quddiem jistgħu jitkabbru.

Min irid jara din id-deċiżjoni (bl-Ispanjol) jista’ jniżżilha minn fuq
http://www.ure.es/legislacion/4-reglamentacion/1075-resolucion-autorizando-la-banda-de-70-mhz-de-forma-experimental-y-segmentos-de-160-m-.html

Wieħed jisa’ jsib ukoll referenza u informazzjoni dwar din l-aħbar minn fuq il-paġna ta’ l-internet ta’ l-Għaqda Nazzjonali tad-dilettanti tar-radju Spanjoli URE minn fuq
http://www.ure.es/

Hawn Malta għadna ma nistgħux naħdmu fuqha għaliex l-awtoritajiet għadhom ma jridux jagħtuna allokazzjoni meta aħna mdawwrin b’pajjiżi li d-dilettanti tar-radju tagħhom għandhom allokazzjoni fuqha.

**Lawrence**
**9H1AV / 9H9MHR**

## Membri tal-IARU Reġjun 1

Hawn taħt għandkom lista ta’ pajjiżi li huma membri tal-**IARU Reġjun 1** li huma 89 pajjiż.

**Albanija, Alġeria, Andorra, Armenia, Awstrija,**
**Baħrain, Belarus, Belġju, Bosnia-Ħerżegovina, Botswana, Bulgarija, Burkina Faso,**
**Kameroon, Kroazja, Ċipru, Repubblika Ċeka,**
**Danimarka, Dġibouti,**
**Eġittu, Estonja, Etjopja,**
**Gżejjer Faeroes, Finlandja, Franza,**
**Gabon, Gambia, Ġermanja, Ġorġja, Ghana, Ġibilta’, Greċja,**
**Ungerija,**

**Iżlanda, Iraq, Irlanda, Israel, Italja, Kosta ta' l-Avorju,**
**Ġordan,**
**Kenja, Kuwajt,**
**Latvia, Libanu, Lesoto, Liberja, Liċtenstajn, Litwanja, Lussemburgu,**
**Maċedonia, Mali, Malta, Maurizjus, Moldavja, Monako, Mongolja, Marokk,**
**Możambik,**
**Namibja, Olanda, Niġerja, Norveġja,**
**Oman,**
**Polonja, Portugall,**
**Qatar,**
**Rumanija, Federazzjoni Russa,**
**San Marino, Senegal, Sjerra Leone, Repubblika Slovakka, Slovenja, Afrika t'Isfel,**
**Spanja, Sważilandja, Svezja, Svizzera, Sirja,**
**Taġikstan, Tanżanija, Tunisija, Turkija, Turkmenistan,**
**Uganda, Ukrajina, Renju Magħqud,**
**Jugoslavja,**
**Żambja, Żimbabwe.**

Hemm ċertifikat tal-**IARU** ta' kategoriji differenti għal min jaħdem stazzjonijiet minn dawn il-pajjiżi ta' **Reġjun 1**.

**Klassi 1 Il-pajjiżi kollha fil-lista**
**Klassi 1 60 pajjiż membru**
**Klassi 3 40 pajjż membru**

Hemm ukoll certifikat speċjali għal min jaħdem biss fuq il-frekwenza ta' **28 MHZ** u japplikaw l-istess kundizzjonijiet imsemmija hawn fuq, liema kuntatti jgħoddu dawk li saru wara l-1 ta' Lulju 1983.

Nittama li din l-informazzjoni ssibuha siewja

**Lawrence**
**9H1AV / 9H9MHR**

## Attivitajiet

### Attivita' għad-Dilettanti tar-Radju

**Oqgħodu attenti u idħlu fil-grupp tal-yahoo ħalli tkunu nfurmati sewwa bl-aħħar attivitajiet li nkunu se nagħmlu.**

**Malli nsib ftit ħin noħroġ kopja oħra tal-fuljetti li l-MARL kienet toħroġ fis-snin ta' qabel ħalli kull min irid ikun jista' jżomm kopja tagħhom u jkun jaf x'ġara matul is-snin.**

**Infakkarkom li nhar ta' Ħamis kull ħmistax, jiġifieri Ħamis iva u Ħamis le, qed issir ikla għal min ikun preżenti fiċ-Ċentru u m'huwiex fuq id-dieta jkun jista' jiekol bi ħlas żgħir. Għal aktar dettalji kellmu lil Joe, 9H1AJ.**

**Lawrence**
**9H1AV/9H9MHR**